MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 212/2011

**-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Gabriel Saliba ta' 23 sena, bin Carmelo u Annunziata nee Briffa, imwieled Pieta nhar is-16 ta' Dicembru 1987, residenti 27 Triq Kent Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita 563987(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn il-lejl tat-30 u l-31 ta' Marzu 2010, gewwa Ta' Qali , kif ukoll f'dik l-ahhar sena, f'hinijiet differenti, u fi bnadi ohra f'Malta:

a) Kellu fil-pussess ir-raza mehudha mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat m'ghandux vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok JB.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------